Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

ESENER

MT

Is-sigurtà u s-saħħa fil-post tax-xogħol jirrigwardaw lil kulħadd. Tajjeb għalik, tajjeb għall-kumpanija.

# Nifhmu l-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, ir-riskji psikosoċjali u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema permezz tal-ESENER

## Sommarju ta' erba' rapporti ta' analiżi sekondarja

## Werrej

Messaġġi ewlenin 1
Sfond 2
Il-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol 2
Ir-rappreżentanza u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema dwar is-saħħa u s-sigurtà 5
Fatturi assoċjati mal-ġestjoni effettiva tar-riskji psikosoċjali 7
Il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali — xprunaturi, ostakoli, ħtiġijiet u miżuri meħuda 10
Il-metodoloġija u l-pubblikazzjonijiet tal-ESENER 13
Dwar l-awturi 14

## Messaġġi ewlenin

### Il-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

- Il-leġiżlazzjoni Ewropea tidher li kienet raġonevolment effettiva fl-inkoraġġiment tal-impriżi sabiex iġestixxu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHS) permezz ta' approċċ koerenti, u bbażat fuq sistemi.
- Il-livelli tal-ġestjoni tal-OHS jonqsu mad-daqs tad-ditti, b'mod speċjali dawk b'inqas minn 100 impjegat. Madankollu, l-estent ta' dan it-tnaqqis ivarja skont il-pajjiż, li jindika li jistgħu jkunu żviluppati "kuntesti" favorevoli li fihom anki l-iżgħar impriżi aktarx li jieħdu azzjoni preventiva komprensiva.
- Il-ġestjoni tal-OHS għandha tendenza li tkun aktar mifruxa f'dawk is-setturi meqjusa normalment bħala "f'riskju għoli", filwaqt li l-importanza dejjem akbar ta' problemi bħall-MSDs, l-istress, il-vjolenza u l-fastidju titlob azzjoni preventiva effettiva fis-setturi kollha.
- Id-differenzi bejn il-pajjiżi fil-grad ta' ġestoni tal-OHS jindikaw opportunitajiet ta' tagħlim permezz ta' riċerka komparabbli transnazzjonali.

### Ir-rappreżentanza u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema dwar l-OHS

- Il-postijiet tax-xogħol li għandhom rappreżentanza tal-ħaddiema għall-OHS aktarx li juru aktar impenn lejn il-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà, u li jkollhom miżuri ta' prevenzjoni fis-seħħ kemm għall-OHS ġenerali kif ukoll għar-riskji psikosoċjali.
- Meta r-rappreżentanza tal-ħaddiema tkun ikkombinata ma' impenn kbir lejn il-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà, l-effett ikun partikolarment qawwi; aktar u aktar jekk ikun hemm stabbiliti kunsill tax-xogħol jew trejdjunjin tal-ħaddiema u jekk ir-rappreżentant jingħata taħriġ u appoġġ xierqa.
- L-ESENER jikkonferma l-ħtieġa għal appoġġ kontinwu lir-rappreżentanti tal-ħaddiema għall-OHS.
- Hemm ħtieġa għal riċerka dwar kif ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jgħinu b'mod aktar effettiv fl-indirizzar tar-riskji psikosoċjali u riskji ġodda oħrajn.

### Il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali

- Bosta postijiet tax-xogħol fl-Ewropa jġestixxu r-riskji psikosoċjali b'mod sistematiku, iżda l-prevalenza ta' dan l-approċċ, kif ukoll il-grad tiegħu (kemm huwa komprensiv), ivarja b'mod sinifikanti bejn pajjiż u ieħor.
- Minbarra li wieħed jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' approċċ sistematiku usa' għall-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li l-istabbilimenti jimplimentaw firxa wiesgħa ta' azzjonijiet preventivi.
- Il-fatturi ta' "kuntest" — il-karatteristiċi tal-ambjent li fih topera d-ditta — jeżerċitaw influwenza partikolarment

qawwija fuq kemm id-ditti ż-żgħar jieħdu azzjoni dwar ir-riskji psikosoċjali u joffru mezz potenzjali ta' titjib tal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fl-Ewropa kollha.

- Il-livell baxx ta' miżuri f'setturi bħall-kostruzzjoni u l-manifattura, meta mqabbla mal-edukazzjoni, is-saħħa u l-ħidma soċjali, jindika l-ħtieġa ta' użu aktar konsistenti ta' miżuri preventivi fis-setturi kollha.

### Xprunaturi, ostakoli, ħtiġijiet u miżuri meħuda għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali

- Id-ditti li jġestixxu l-OHS b'mod effettiv aktarx li jieħdu aktar azzjoni preventiva fir-rigward tar-riskji psikosoċjali. Fl-istabbilimenti kollha, it-talbiet tal-impjegati jew tar-rappreżentanti tagħhom u x-xewqa li jonqos l-assenteiżmu huma xprunaturi ewlenin għat-teħid ta' azzjoni. F'dak li jirrigwarda l-miżuri *ad hoc*, il-każ tan-negozju jidher li għandu effett aktar qawwi, kif turi l-importanza li tinżamm il-produttività, li jonqos l-assenteiżmu u li jitwieġbu t-talbiet tal-klijenti jew l-immaġni ta' min iħaddem.

- In-nuqqas ta' appoġġ u gwida teknika, segwit minn nuqqas ta' riżorsi huma universalment identifikati bħala l-akbar xkiel fil-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali. Hemm xi ftit evidenza li l-ostakoli bħas-sensittività tas-suġġett jew in-nuqqas ta' riżorsi jsiru partikolarment importanti għal impriża biss ladarba tkun "involuta" fil-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali.

- L-għarfien tar-riskji psikosoċjali jeħtieġ li jiżdied, kif jista' jiżdied l-għoti ta' appoġġ u gwida. Jeħtieġ aktar riċerka b'appoġġ għall-"każ tan-negozju" għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fil-livell tal-post tax-xogħol.

## Sfond

F'Ġunju 2009, l-EU-OHSA lestiet fieldwork fuq stħarriġ fost l-istabbilimenti madwar l-Ewropa dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, l-Istħarriġ Ewropew tal-Impriżi dwar Risjki Ġodda u Emerġenti (European Survey of Enterprises on New and Emerging Risks — ESENER ([1])). L-istħarriġ, li kien jinkludi madwar 36 000 intervista u li kopra 31 pajjiż (is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, in-Norveġja, l-Isvizzera, il-Kroazja u t-Turkija), għandu l-għan li jgħin lill-postijiet tax-xogħol sabiex jindirizzaw b'mod aktar effettiv is-saħħa u s-sigurtà u jippromwovi s-saħħa u l-benesseri tal-impjegati billi jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politiki b'informazzjoni komparabbli transnazzjonali rilevanti għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki ġodda.

Permezz ta' intervisti separati bit-telefon, l-ESENER staqsa lill-maniġers u lir-rappreżentanti tal-ħaddiema għas-saħħa u s-sigurtà dwar il-mod kif inhuma ġestiti r-riskji tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tagħhom, b'attenzjoni partikolari fuq ir-riskji psikosoċjali; jiġifieri fuq fenomeni bħall-istress, il-vjolenza u l-fastidju relatati max-xogħol.

Ir-riżultati huma disponibbli fuq www.esener.eu u jinkludu rapport ġenerali deskrittiv li jippreżenta s-sejbiet mill-analiżi inizjali, bivarjata (http://osha.europa.eu/en/publications/reports/esener1_osh_management) u sommarju tar-rapport disponibbli bi 23 lingwa (http://osha.europa.eu/en/publications/reports/en_esener1-summary.pdf/view?searchterm).
Barra minn hekk, għodda interattive tal-immappjar (http://osha.europa.eu/sub/esener/en) tippreżenta r-riżultati għal xi wħud mill-mistoqsijiet, imqassmin skont il-pajjiż, is-settur u d-daqs tal-istabbiliment.
Wara din l-analiżi inizjali, fl-2011 saru erba' proġetti ta' analiżi sekondarja fil-fond (multivarjati); li deskrizzjoni ġenerali tagħhom tinstab f'dan ir-rapport qasir. L-erba' rapporti ffokaw fuq dawn il-kwistjonijiet:

- Il-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol
- Ir-rappreżentanza u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema dwar is-saħħa u s-sigurtà
- Il-fatturi assoċjati ma' ġestjoni effettiva tar-riskji psikosoċjali
- Il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali — xprunaturi, ostakoli, ħtiġijiet u miżuri meħuda

L-għan ta' dawn ir-rapporti huwa li jgħinu lill-EU-OHSA fit-tixrid tal-informazzjoni sabiex tappoġġja lil dawk li jfasslu l-politiki fil-livell Ewropew u nazzjonali, billi jipprovdu bażi soda għad-dibattitu dwar il-kwistjonijiet ewlenin. Dawn se jgħinu fl-iżvilupp u fl-applikazzjoni ta' interventi fuq ix-xogħol permezz ta' identifikazzjoni aqwa ta' ħtiġijiet speċifiċi (eż. skont id-daqs, is-settur u l-post) u għalhekk jgħinu sabiex jinstabu riżorsi b'mod aktar effettiv. Is-sejbiet għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-promozzjoni u t-trawwim ta' aktar riċerka.

## Il-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ([2])

L-għanijiet prinċipali tar-riċerka f'dan ir-rapport kienu li:

1. jiġu identifikati settijiet ta' prattiki minn dejta tal-ESENER assoċjata ma' ġestjoni effettiva tal-OHS;
2. tkun definita tipoloġija għall-istabbilimenti skont il-karatteristiċi tagħhom (il-pajjiż, id-daqs, l-età, is-settur jew l-industrija);
3. jintużaw l-għarfien u l-informazzjoni xjentifiċi dwar l-ambjent regolatorju u kummerċjali sabiex jiġu spjegati l-"karatteristiċi tal-kuntest" li għandhom l-akbar influwenza fuq l-impenn tal-istabbilimenti lejn il-ġestjoni effettiva tal-OHS;
4. jiġu diskussi l-implikazzjonijiet politiċi li joħorġu mill-analiżi empirika.

L-analiżi kienet tinkludi analiżi letterarja u l-bini ta' mudelli tad-dejta tal-ESENER. L-analiżi letterarja kellha l-għan li tidentifika r-relazzjonijiet bejn il-varjabbli li jistgħu jkunu ppruvati waqt il-fażi tal-bini ta' mudelli u tipproponi qafas konċettwali li jiggwida l-analiżi, filwaqt li l-bini ta' mudelli, li ħa s-sura ta' analiżi tal-fatturi, sar sabiex jinftiehmu l-assoċjazzjonijiet bejn l-aspetti rile-

([1]) Ara n-nota qasira metodoloġika fl-aħħar.

([2]) Kuntrattur: RAND Europe.

vanti tal-ġestjoni tal-OHS. Dawn l-aspetti tal-OHS kienu identifikati bl-immappjar tal-mistoqsijiet tal-ESENER fuq il-qafas konċettwali. L-għarfien tal-assoċjazzjonijiet wasslu għall-iżvilupp ta' indiċi ta' ġestjoni tal-OHS, li miegħu tqabblet firxa ta' varjabbli indipendenti, bħad-daqs tal-istabbiliment, il-post (il-pajjiż), varjabbli demografiċi u s-settur tal-industrija.

### Is-sejbiet ewlenin mill-analiżi letterarja

- Minkejja t-tnaqqis fir-rati ta' korrimenti u mard f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, il-ħaddiema għadhom jirrappurtaw riskji għas-saħħa u s-sigurtà persistenti u emerġenti relatati max-xogħol. Minbarra ħsara fiżika u psikoloġika, saħħa u sigurtà batutim, għandhom implikazzjonijiet kbar ta' spejjeż għall-individwu, għall-post tax-xogħol u għas-soċjetà inġenerali.

- L-inizjattivi ffokaw fuq il-promozzjoni ta' approċċi aktar effettivi ta' ġestjoni tal-OHS, billi ċċaqalqu notevolment minn dawk tradizzjonali u regolatorji lejn dawk fejn l-OHS ikun inkorporat fil-ġestjoni ġenerali ta' stabbiliment, li jippermetti aktar sens ta' responsabbiltà fost dawk li jimpjegaw u fost l-impjegati. Dawn l-approċċi jistgħu jinġabru liberament f'sistemi ta' ġestjoni tal-OHS.

- Minkejja l-popolarità dejjem akbar tal-kunċetti ta' ġestjoni tal-OHS u s-sistemi ta' ġestjoni tal-OHS fost il-partijiet interessati fl-OHS — ir-regolaturi, dawk li jimpjegaw, il-ħaddiema u l-aġenziji tas-saħħa u tas-sigurtà — hemm nuqqas ta' provi xjentifiċi sodi dwar l-effikaċja tagħhom f'dak li jirrigwarda t-titjib fl-OHS u eżiti oħrajn. L-analiżi letterarja madankollu identifikat xi fatturi assoċjati mal-ġestjoni effettiva tal-OHS.

- Abbażi tal-analiżi letterarja, ġie żviluppat qafas konċettwali sabiex jiggwida l-analiżi empirika. Dan ħa l-passi bażiċi ta' sistema ta' ġestjoni tal-OHS bħala l-punt tat-tluq: l-iżvilupp tal-politika; l-iżvilupp organizzattiv; l-ippjanar u l-implimentazzjoni; il-kejl u l-evalwazzjoni tar-riskji ewlenin għall-organizzazzjoni; u l-kejl tal-effikaċja tal-interventi tal-OHS (Figura 1).

**Figura 1:** Qafas konċettwali għall-implimentazzjoni




*Sors:* HSE (1998).

### Sejbiet ewlenin mill-analiżi empirika

- L-analiżi empirika għażlet għadd ta' mistoqsijiet mill-kwestjonarju tal-ESENER lill-maniġers (MM) relatati mad-diversi aspetti tal-ġestjoni tal-OHS (Tabella 1).

- L-analiżi tal-fatturi uriet li l-11-il varjabbli kollha kkunsidrati kienu marbuta sew ma' xulxin, li jfisser li l-istabbilimenti li jirrappurtaw li implimentaw aspett tal-ġestjoni għandhom it-tendenza li jirrappurtaw aspetti oħrajn ukoll. Din is-sejba tindika li l-istabbilimenti ġeneralment jidhru li qegħdin jadottaw approċċi ta' sistema ta' ġestjoni sabiex iġestixxu l-OHS u bħala tali l-kunċett ta' sistema ta' ġestjoni tar-riskji tal-OHS huwa empirikament ġustifikabbli.

- Barra minn hekk, l-analiżi tal-fatturi indikat li kien possibbli li jinħoloq varjabbli uniku li jesprimi l-ambitu tal-ġestjoni tar-riskji tal-OHS li jippermetti l-karatterizzazzjoni tal-istabbilimenti fuq proċess kontinwu. Dan l-indikatur kien jikkonsisti f'disa' varjabbli li jikkorrispondu għall-mistoqsijiet elenkati fit-Tabella 1.

**Tabella 1:** Varjabbli inklużi fl-punteġġ kompost ta' ġestjoni tal-OHS (*)

- Liema servizzi ta' saħħa u sigurtà tuża, kemm jekk maħluqa mill-organizzazzjoni stess, kif ukoll jekk b'kuntratt minn barra? (MM150)
- L-istabbiliment tiegħek janalizza regolarment il-kawża tal-assenza minħabba mard? (MM152)
- Tieħu miżuri sabiex tappoġġja r-ritorn tal-ħaddiema lura lejn ix-xogħol wara assenza ta' mard fit-tul? (MM153)
- Hemm politika ddokumentata, sistema ta' ġestjoni stabbilita jew pjan ta' azzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fl-istabbiliment tiegħek? (MM155)
- Il-kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà jiġu diskussi regolarment, darba kultant jew kważi qatt waqt laqgħat ta' ġestjoni ta' livell għoli? (MM158)
- B'mod ġenerali, kif tivvaluta l-grad ta' involviment tal-maniġers u tas-superviżuri tal-produzzjoni fil-ġestjoni tas-saħħa u tas-sigurtà? (MM159)
- Il-postijiet tax-xogħol fl-istabbiliment tiegħek jiġu ċċekkjati regolarment għas-saħħa u s-sigurtà bħala parti minn valutazzjoni tar-riskji jew miżura simili? (MM161)
- L-istabbiliment tiegħek uża informazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà minn xi wieħed minn dawn l-organizzazzjonijiet jew l-istituzzjonijiet li ġejjin? (MM173)
- L-istabbiliment tiegħek għandu rappreżentant intern għas-saħħa u s-sigurtà? (MM355 + MM358 flimkien)

(*) In-numri "MM" jikkorrispondu għal mistoqsijiet fl-istħarriġ. Il-kwestjonarji huma disponibbli fuq il-websajt tal-ESENER (www.esener.eu).

*Sors:* ESENER — *Il-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol*, EU-OHSA (2012).

- Il-komponenti tal-indiċi li l-aktar ġew irrappurtati huma l-implimentazzjoni ta' politika tal-OHS, id-diskussjoni tal-OHS f'laqgħat tal-maniġment għoli, l-involviment tal-maniġers tal-produzzjoni fil-ġestjoni tal-OHS u t-twettiq regolari tal-valutazzjoni tar-riskji.

- Id-daqs tal-istabbiliment, l-industrija u l-post (il-pajjiż) huma l-varjabbli l-aktar assoċjati ma' ambitu usa' ta' ġestjoni tal-OHS. Kif jista' jkun mistenni, stabbilimenti iżgħar jirrappurtaw b'mod ċar inqas miżuri ta' ġestjoni tal-OHS meta mqabbla mal-istabbilimenti l-kbar (Figura 2). Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li l-għadd ta' miżuri jonqos skont id-daqs tal-istabbiliment f'rata aktar mgħaġġla fejn hemm inqas minn 100 impjegat.

**Figura 2:** Daqs tal-istabbiliment (numru ta' impjegati) u l-punteġġ kompost tal-ġestjoni tal-OHS




*Sors:* ESENER— *Il-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol*, EU-OHSA (2012).

- L-indikaturi tal-ġestjoni tal-OHS huma rrappurtati b'mod aktar wiesa' fl-industriji bħal dik tal-kostruzzjoni, tal-minjieri u tas-saħħa u tal-ħidma soċjali, għall-kuntrarju tal-amministrazzjoni pubblika u tal-proprjetà immobiljari. Analiżi aktar dettaljata turi li l-kuntest tal-pajjiż huwa l-aktar fattur sinifikanti fid-determinazzjoni tal-preżenza ta' miżuri ta' prevenzjoni (Figura 3).

**Figura 3:** Il-pajjiżi u l-punteġġ kompost tal-ġestjoni tal-OHS




*Sors:* ESENER — *Il-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol*, EU-OHSA (2012).

- Wara li jitqiesu fatturi oħra (bħad-daqs), hemm differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi fl-għadd medju ta' indikaturi, li jvarjaw minn bejn ħamsa fil-Greċja, fit-Turkija u fl-Isvizzera sa kważi tmienja fl-Irlanda, fl-Isvezja u fir-Renju Unit.

- Jekk stabbiliment huwiex indipendenti jew jifforma parti minn organizzazzjoni akbar huwa fattur inqas importanti iżda xorta sinifikanti, bl-istabbilimenti indipendenti jirrappurtaw inqas miżuri ta' ġestjoni tal-OHS meta mqabbla ma' dawk li jiffor-maw parti minn entità akbar.

- Varjabbli demografiċi oħrajn, bħall-kompożizzjoni tal-età jew il-bilanċ bejn is-sessi tal-ħaddiema għandhom effett żgħir ħafna fuq il-livell tal-miżuri ta' ġestjoni tal-OHS.

**Implikazzjonijiet politiċi**

- L-ESENER jindika li meta d-ditti jindirizzaw l-OHS għandhom it-tendenza li jagħmlu dan permezz ta' approċċ koerenti bbażat fuq sistemi, minflok jagħżlu miżuri speċifiċi; u dan jipprovdi appoġġ għall-effikaċja tal-approċċ regolatorju li jiffissa l-għanijiet stabbilit fid-Direttiva Qafas tal-UE tal-1989 (89/391/KEE). Għalkemm l-ESENER jindika livelli ġeneralment għoljin ta' ġestjoni tal-OHS fl-Ewropa, it-tnaqqis rapidu ħafna fil-kwantità skont iċ-ċokon tal-istabbiliment u l-varjazzjoni sinifikanti bejn il-pajjiżi, teħtieġ li tiġi indirizzata.

- L-evidenza turi li f'ċerti pajjiżi u setturi anki l-iċken stabbilimenti jirrappurtaw livelli għolja ta' prattika ta' ġestjoni tal-OHS, li jindika li jekk jista' jinħoloq ambjent "favorevoli" biżżejjed, il-grad ta' ġestjoni tal-OHS fost stabbilimenti iżgħar (b'mod speċjali dawk b'inqas minn 100 impjegat) jista' jiżdied b'mod sostanzjali. Teħtieġ aktar riċerka komparabbli nazzjonalment sabiex jiġu identifikati l-kundizzjonijiet ewlenin li jikkontribwixxu għal dan l-ambjent "favorevoli".

- Il-prattika tal-ġestjoni tal-OHS tidher li ssegwi perċezzjonijiet tradizzjonali tar-riskji u tal-innovazzjoni teknoloġika, bl-istabbilimenti f'industriji tradizzonalment "f'riskju għoli" u dawk f'industriji teknoloġikament intensivi jirrappurtaw livelli ogħla ta' prattika tal-OHS. Madankollu, b'mod partikolari fid-dawl ta' problemi emerġenti jew li qed jikbru, bħal disturbi muskuloskeletali, stress, vjolenza u fastidju, jeħtieġ li jiġu indirizzati l-livelli relattivament baxxi ta' ġestjoni tal-OHS f'ċerti setturi (b'mod partikolari dawk orjentati lejn is-servizz).

# Ir-rappreżentanza u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema dwar is-saħħa u s-sigurtà (3)

Dan l-istudju għamel analiżi aktar dettaljata tad-dejta tal-ESENER rigward ir-rappreżentanza tal-ħaddiema f'arranġamenti għall-ġestjoni tas-saħħa u tas-sigurtà, u investiga r-relazzjoni bejn l-effikaċja tal-miżuri ta' ġestjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fl-impriżi u l-involviment tar-rappreżentanti tal-impjegati f'dawn il-miżuri. Sabiex jilħaq dan l-għan, il-passi li ġejjin kellhom:

1. jidentifikaw sa liema punt l-ESENER jikkonferma li settijiet ta' prattiki murija fi studji oħrajn huma assoċjati mal-involviment tal-ħaddiema fil-ġestjoni tal-OHS;

2. jiddefinixxu tipoloġija ta' stabbilimenti skont il-karatteristiċi tagħhom u l-fatturi li jiddeterminaw l-involviment tal-ħaddiema;

3. jużaw l-għarfien u l-informazzjoni xjentifiċi dwar l-ambjent regolatorju u kummerċjali sabiex jispjegaw il-"karatteristiċi tal-kuntest" li għandhom l-akbar influwenza fuq l-involviment mill-impriżi tal-ħaddiema tagħhom fil-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà;

4. jevalwaw l-effikaċja tal-involviment tal-ħaddiema skont l-analiżi tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet rilevanti tal-ESENER;

5. jikkunsidraw relazzjonijiet possibbli bejn l-impenn tar-rappreżentanti tal-ħaddiema b'arranġamenti għall-ġestjoni tas-saħħa u tas-sigurtà, u stili nazzjonali ta' regolamentazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet;

6. jiddiskutu l-implikazzjonijiet ta' politika, billi jidentifikaw l-ixprunaturi u l-ostakoli ewlenin li jistgħu jkunu indirizzati sabiex jitrawmu livelli ogħla ta' involvimenti tal-ħaddiema u sabiex l-involviment tagħhom ikun aktar effettiv.

**Sejbiet ewlenin mill-analiżi letterarja**

- Id-dejta tal-ESENER ippubblikata qabel (4) irrappurtat dwar l-"impatt tal-parteċipazzjoni formali (5) tal-impjegati fil-ġestjoni tar-riskji tas-saħħa u tas-sigurtà" u sabet li l-miżuri kollha għall-ġestjoni tar-riskji ġenerali tal-OHS investigati fl-istħarriġ kienu "aktar komunement applikati meta jkun hemm stabbilita rappreżentanza ġenerali formali". L-eżistenza ta' politiki, sistemi ta' ġestjoni u pjanijiet ta' azzjoni tal-OHS, instabet li hija pożittivament relatata mal-preżenza tal-konsultazzjoni mal-impjegati, anki wara li wieħed jikkunsidra d-daqs tal-istabbiliment.

(3) Kuntrattur: Iċ-Ċentru tar-Riċerka fl-Ambjent tax-Xogħol ta' Cardiff (CWERC, Cardiff Work Environment Research Centre), Università ta' Cardiff.

(4) Rapport ġenerali disponibbli fuq http://osha.europa.eu/en/publications/reports/esener1_osh_management. Ara wkoll il-websajt tal-ESENER (www.esener.eu).

(5) It-terminu "parteċipazzjoni formali" jintuża sabiex jindika l-użu ta' rappreżentant (persuna jew korp elett) minflok komunikazzjoni diretta bejn il-maniġment u l-ħaddiema.

- Hija ssuġġeriet li, fejn hemm rappreżentanza f'ditti iżgħar, dawn l-effetti kienu saħansitra aktar ovvji minn meta kienet preżenti f'ditti akbar. Sabet ukoll li l-preżenza ta' rappreżentanza formali kienet assoċjata ma' perċezzjonijiet aħjar tas-suċċess ta' miżuri (bħall-impatt tal-politika tal-OHS) għall-ġestjoni tar-riskji tal-OHS u argumentat li l-"preżenza (u l-involviment) tar-rappreżentanza tal-ħaddiema hija kjarament fattur fl-iżgurar li dawn il-politiki u l-pjanijiet ta' azzjoni tal-OHS jitpoġġew fil-prattika".

- Tabilħaqq, il-piż tal-evidenza li nstabet fil-letteratura internazzjonali tidher li ġeneralment tappoġġja l-idea li riżultati aqwa tas-saħħa u tas-sigurtà huma aktar possibbli meta l-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema tifforma parti mill-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà ta' min iħaddem fuq il-post tax-xogħol u li, f'diversi modi, arranġamenti konġunti, trejdjunjins u rappreżentanza tal-ħaddiema għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol aktarx li jkunu assoċjati ma' riżultati bħal dawn.

- Madankollu, l-istħarriġ internazzjonali fuq skala kbira li jinkludi dejta dwar ir-rwol tar-rappreżentanza u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema dwar l-OHS mill-Istati Membri kollha tal-UE huwa rari ([6]). Għaldaqstant, l-importanza partikolari tas-sejbiet tal-ESENER hija li jirrappreżentaw kwantità sostanzjali ta' dejta miġbura minn kampjun kbir ta' persuni li wieġbu mill-Istati Membri kollha tal-UE.

**Sejbiet ewlenin mill-analiżi empirika**

- Il-fatturi assoċjati mal-preżenza ta' rappreżentanti tal-ħaddiema huma konsistenti ma' xogħol preċedenti li jindika li r-rappreżentanza tal-ħaddiema hija aktar komuni fl-organizzazzjonijiet il-kbar; fis-settur pubbliku; f'organizzazzjonijiet bi proporzjon ogħla ta' ħaddiema ta' età akbar; u f'postijiet tax-xogħol fejn is-saħħa u s-sigurtà u l-opinjonijiet tal-ħaddiema jingħataw prijorità.

- Hemm ukoll assoċjazzjoni qawwija mal-impenn tal-maniġment lejn is-saħħa u s-sigurtà li, flimkien mar-rappreżentanza tal-ħaddiema (b'mod partikolari rappreżentanza ġenerali u speċifika tal-OHS flimkien), hija wkoll assoċjata ferm ma' kull waħda minn firxa ta' miżuri ta' ġestjoni tal-OHS, inkluża l-preżenza ta' politika għas-saħħa u s-sigurtà, il-ġbir regolari tad-dejta dwar l-assenza minħabba mard u l-kontrolli regolari fuq ix-xogħol f'dak li jirrigwarda l-OHS.

- Pereżempju, wara li ġew eżaminati fatturi oħrajn, dawk li wieġbu minn postijiet tax-xogħol biż-żewġ forom ta' rappreżentanza tal-ħaddiema u b'impenn kbir mill-maniġment lejn is-saħħa u s-sigurtà, aktarx li huma kważi 10 darbiet aktar fiċ-ċans minn dawk minn postijiet tax-xogħol bl-ebda rappreżentanza tal-ħaddiema u b'impenn fqir min-naħa tal-maniġment lejn is-saħħa u s-sigurtà, li jirrappurtaw li l-organizzazzjoni tagħhom għandha fis-seħħ politika dokumentata dwar is-saħħa u s-sigurtà (Figura 4).

**Figura 4:** L-assoċjazzjoni, wara li ġew eżaminati fatturi oħra potenzjalment influwenti, bejn: (a) forom ta' rappreżentanza tal-ħaddiema (*); u (b) ir-rappurtar li teżisti politika dokumentata dwar is-saħħa u s-sigurtà; ippreżentata f'livelli baxxi u għoljin ta' impenn tal-maniġment lejn is-saħħa u s-sigurtà




(*) Forom ta' rappreżentanza tal-ħaddiema: Ġenerali — Kunsill tal-ħaddiema u/jew rappreżentant tat-trejdjunjin; Speċjalista fl-OHS — Kumitat għas-saħħa u s-sigurtà u/jew rappreżentant għas-saħħa u s-sigurtà.

*Sors:* ESENER — *Ir-rappreżentanza u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema dwar is-saħħa u s-sigurtà*, EU-OHSA (2012).

- Il-miżuri ta' ġestjoni tal-OHS aktarx li jitqiesu aktar effettivi f'postijiet tax-xogħol fejn hemm rappreżentanza tal-ħaddiema, u b'mod partikolari fejn din tkun ikkombinata ma' impenn għoli min-naħa tal-maniġment lejn is-saħħa u s-sigurtà. F'konformità ma' dan, l-analiżi turi wkoll li l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali ġeneralment hija aktar possibbli f'postijiet tax-xogħol fejn hemm rappreżentanza tal-ħaddiema u b'mod partikolari meta jkun hemm ukoll impenn għoli min-naħa tal-maniġment lejn is-saħħa u s-sigurtà (Figura 5).

**Figura 5:** L-assoċjazzjoni, wara li ġew eżaminati fatturi oħrajn potenzjalment influwenti, bejn: (a) l-involviment tal-ħaddiema; u (b) il-ġestjoni effettiva tal-OHS tar-riskji psikosoċjali; ippreżentata f'livelli baxxi u għoljin ta' impenn tal-maniġment lejn is-saħħa u s-sigurtà, u bi jew mingħajr il-preżenza ta' rappreżentanza tal-ħaddiema (*)




(*) Forom ta' rappreżentanza tal-ħaddiema: Ġenerali — Kunsill tal-ħaddiema u/jew rappreżentant tat-trejdjunjin; Speċjalista fl-OHS — Kumitat għas-saħħa u s-sigurtà u/jew rappreżentant għas-saħħa u s-sigurtà.

*Sors:* ESENER — *Ir-rappreżentanza u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema dwar is-saħħa u s-sigurtà*, EU-OHSA (2012).

([6]) Kif irrappurtat mill-istudju EPSARE li sar għall-ETUI (Menendez *et al.*, 2008).

- Mudell simili ta' riżultati joħroġ meta ssir analiżi komparabbli permezz tas-sett ta' dejta mill-intervisti mar-rappreżentanti dwar is-saħħa u s-sigurtà, fatt li jappoġġja s-sejbiet deskritti hawn fuq u jikkonferma, b'mod partikolari l-assoċjazzjoni qawwija mal-impenn tal-maniġment lejn is-saħħa u s-sigurtà.

- Is-sejbiet jissuġġerixxu li, indipendentement minn fatturi oħrajn, il-ġestjoni tal-OHS hija aktar possibbli, u aktarx li tkun aktar effettiva, f'organizzazzjonijiet li mhux biss għandhom rappreżentant tal-ħaddiema iżda li jipprovdu wkoll lil dik il-persuna b'kuntest adattat fejn jaħdem. Dan jinkludi l-iżgurar ta' livelli għoljin ta' impenn mill-maniġment lejn is-saħħa u s-sigurtà, taħriġ komprensiv tar-rappreżentant tal-impjegati, is-sistema u l-mekkaniżmi ta' appoġġ sabiex tkun implimentata l-politika u l-prattika tal-OHS u rwol attiv u rikonoxxut fil-ġestjoni ta' kuljum tas-saħħa u s-sigurtà, kemm tar-riskji tradizzjonali kif ukoll ta' dawk psikosoċjali.

- F'konformità ma' studji nazzjonali preċedenti, it-tqabbil bejn is-setturi juri preżenza akbar ta' rappreżentanza fis-servizzi, fis-settur pubbliku u fil-manifattura. Barra minn hekk, livelli għolja ta' impenn min-naħa tal-maniġment lejn l-OHS u arranġamenti ta' parteċipazzjoni huma evidenti f'ħafna mis-setturi li jinsabu fil-kategorija ([7]) ta' "produzzjoni" użata fir-rapport ippubblikat tal-ESENER.

- Skont il-pajjiżi, il-proporzjon tal-preżenza kemm tar-rappreżentanza ġenerali kif ukoll speċjalizzata tal-ħaddiema għall-OHS flimkien ma' impenn għoli min-naħa tal-maniġment, huwa l-ogħla fil-pajjiżi Skandinavi u l-inqas fil-pajjiżi ż-żgħar tal-Ewropa t'Isfel. Ġeneralment il-pajjiżi tal-UE-15 jiddominaw fuq dawk b'okkorrenza akbar mill-medja ta' dawn l-assoċjazzjonijiet, iżda hemm xi pajjiżi ġodda bħall-Bulgarija u r-Rumanija li huma wkoll pjuttost prominenti f'dan il-grupp, filwaqt li xi wħud mill-pajjiżi tal-UE-15 bħall-Ġermanja u Franza għandhom okkorrenza taħt il-medja.

Dawn il-konklużjonijiet, li huma meħuda mill-analiżi li eżaminat fatturi oħra potenzjalment influwenti, huma konsistenti ma' u jsostnu l-ħidma preċedenti peress li: (a) jidentifikaw ir-rappreżentanza tal-ħaddiema bħala parti ewlenija tal-ġestjoni effettiva tar-riskji tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u (b) jenfasizzaw li l-kuntest li fih qegħdin jaħdmu r-rappreżentanti tal-ħaddiema huwa fattur importanti fir-relazzjoni bejn ir-rappreżentanza tal-ħaddiema u l-ġestjoni tar-riskji tal-OHS.

([7]) Industriji ta' produzzjoni: xogħol fil-minjieri u fil-barrieri; manifattura; elettriċità, gas u ilma (utilitajiet); u kostruzzjoni.

**Implikazzjonijiet politiċi**

- Għal dawk li jfasslu l-politiki l-messaġġ li joħroġ mill-analiżi kontinwa tal-ESENER huwa doppju. L-ewwel, huwa jikkonferma l-ħtieġa għal appoġġ kontinwu lir-rappreżentanti tal-ħaddiema għas-saħħa u s-sigurtà u l-prekondizzjonijiet li jgħinu jiddeterminaw il-prattika tajba kull fejn tinstab. It-tieni, jekk kif tissuġġerixxi l-letteratura usa', dawn il-prekondizzjonijiet għall-operazzjoni effettiva tar-rekwiżiti statutorji għar-rappreżentanti tal-ħaddiema għas-saħħa u s-sigurtà fl-UE teżisti biss f'ammont żgħir ta' postijiet tax-xogħol, li n-numru tagħhom qed jonqos, din hija kwistjoni li wkoll teħtieġ l-attenzjoni.

- Rigward il-ħtieġa ta' riċerka, ħafna minn dawn il-konsegwenzi għadhom relattivament ftit iddokumentati fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq l-involviment effettiv tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom f'arranġamenti għat-titjib tas-saħħa, tas-sigurtà u l-benesseri fuq ix-xogħol. Għad fadal ħafna x'wieħed jifhem rigward modi li fihom ir-rappreżentanza tal-ħaddiema tista', bl-aktar mod effettiv, tindirizza riskji psikosoċjali u riskji oħrajn ġodda u emerġenti.

# Fatturi assoċjati mal-ġestjoni effettiva tar-riskji psikosoċjali ([8])

L-għanijiet ewlenin tar-riċerka f'dan l-istudju kienu li:

- jiġu identifikati settijiet ta' prattika mid-dejta tal-ESENER li huma assoċjati mal-ġestjoni effettiva tar-riskji psikosoċjali;

- tiġi definita tipoloġija għall-istabbilimenti skont il-karatteristiċi tagħhom (settur, daqs, età, settur jew industrija);

- jintużaw l-għarfien u l-informazzjoni xjentifiċi dwar l-ambjent regolatorju u kummerċjali sabiex jiġu spjegati l-"karatteristiċi tal-kuntest" li l-aktar jinfluwenzaw l-impenn tal-istabbilimenti lejn il-ġestjoni effettiva tar-riskji psikosoċjali;

- jiġu diskussi l-implikazzjonijiet politiċi li joħorġu mill-analiżi empirika.

Sabiex jinkiseb dan, saret analiżi letterarja bl-għan li jiġu identifikati r-relazzjonijiet bejn il-varjabbli li setgħu jkunu ttestjati fil-fażi tal-bini ta' mudell u sabiex jiġi propost qafas konċettwali li jiggwida l-analiżi. Il-bini tal-mudell tad-dejta tal-ESENER, li ħa s-sura ta' analiżi tal-fatturi, kellu l-għan li jifhem l-assoċjazzjonijiet bejn l-aspetti rilevanti tal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali. Dawn l-aspetti tar-riskji psikosoċjali kienu identifikati permezz tal-immappjar tal-mistoqsijiet tal-ESENER fuq il-qafas konċettwali sabiex jiġi żviluppat indiċi ta' ġestjoni tar-riskji psikosoċjali. Firxa ta' varjabbli indipendenti kienet ittestjata f'konfront mal-indiċi, bħad-daqs tal-istabbilimenti, il-pajjiż, varjabbli demografiċi u s-settur tal-industrija.

([8]) Kuntrattur: RAND Europe.

**Sejbiet ewlenin mill-analiżi letterarja**

- Skont il-modulu *ad hoc* tal-istħarriġ tal-2007 fost il-ħaddiema tal-UE dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, 27.9 % tal-ħaddiema rrappurtaw espożizzjoni li taffettwa l-benesseri mentali, li jikkorrispondi għal madwar 55.6 miljun ħaddiem. Madwar 14 % tal-persuni bi problema tas-saħħa relatata max-xogħol il-problema tas-saħħa ewlenija tagħhom kienet stress, depressjoni jew ansjetà.

- Il-perikli psikosoċjali u r-riskji assoċjati magħhom huma sfida ewlenija għal dawk li jfasslu l-politiki fl-Ewropa. Minkejja bosta inizjattivi ta' politika mnedija fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali sa minn tmiem it-Tmeninijiet, jingħad li għad hemm xi diskrepanza bejn il-politika u l-prattika.

- Jeħtieġ aktar fehim tal-kunċett tal-perikli psikosoċjali u r-riskji assoċjati magħhom sabiex wieħed jifhem kif jevalwahom u jnaqqashom b'mod aktar effettiv. Hemm ġabra sostanzjali ta' letteratura akkademika li tissuġġerixxi l-użu tal-paradigma ta' ġestjoni tar-riskji sabiex wieħed iġestixxi b'mod effettiv ir-riskji psikosoċjali. Minkejja xi diffikultajiet fl-applikazzjoni ta' din il-paradigma għar-riskji psikosoċjali, tidher li hija aktar effettiva minn sempliċi interventi fuq il-post tax-xogħol u għodod oħrajn, bħal stħarriġ dwar l-istress.

- Ġie identifikat qafas konċettwali fl-analiżi letterarja li jiggwida l-analiżi empirika fuq il-bażi tal-paradigma ta' ġestjoni tar-riskji. Il-qafas konċettwali jinvolvi għadd ta' stadji inkluż: valutazzjonijiet tar-riskji; it-traduzzjoni tal-informazzjoni dwar ir-riskji f'azzjonijiet immirati; l-introduzzjoni u l-ġestjoni tal-interventi ta' tnaqqis tar-riskji; u l-evalwazzjoni tal-interventi u l-għoti ta' reazzjonijiet għall-interventi eżistenti kif ukoll għall-pjanijiet ta' azzjoni futuri (Figura 6).

**Sejbiet ewlenin mill-analiżi empirika**

- Skont il-qafas konċettwali, l-analiżi tal-fatturi uriet li tmienja mill-fatturi jew varjabbli kkunsidrati għall-inklużjoni fil-punteġġ kompost għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali (Tabella 2) kienu marbuta ferm ma' xulxin. Dan jippermetti l-iżvilupp ta' indiċi kompost u jwassal għall-konklużjoni li l-istabbilimenti b'mod ġenerali jidhru li qegħdin jieħdu approċċ lejn il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali bbażat fuq is-sistemi. L-applikazzjoni tal-approċċ tal-ġestjoni tar-riskji tidher empirikament ġustifikabbli.

- Għaldaqstant, kien iġġenerat indikatur waħdieni dwar l-ambitu tal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali li jippermetti l-karatterizzazzjoni tal-istabbilimenti. L-indikatur finali kien jikkonsisti f'sitt varjabbli minħabba li l-mistoqsijiet dwar l-istress (MM250), il-bullying u l-fastidju (MM251) u l-vjolenza (MM252) relatati max-xogħol kienu tant marbutin ma' xulxin li nġabru f'varjabbli wieħed.

**Figura 6:** Mudell għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali




*Sors:* Adattat minn E. Rial-González (2000).

**Figura 7:** Il-pajjiżi **u** l-iskor kompost tal-ġestjoni psikosoċjali




*Sors:* ESENER — *Fatturi assoċjati mal-ġestjoni effettiva tar-riskji psikosoċjali,* EU-OHSA (2012).

**Tabella 2:** Varjabbli inklużi fl-iskor kompost tal-ġestjoni psikosoċjali

- Liema servizzi ta’ saħħa u sigurtà tuża? Tuża s-servizz ta’ psikologu? (MM150_3)
- L-istabbiliment tiegħek għandu proċedura sabiex jindirizza l-istress relatat max-xogħol? (MM250)
- L-istabbiliment tiegħek għandu proċedura sabiex jindirizza l-bullying u l-fastidju? (MM251)
- L-istabbiliment tiegħek għandu proċedura sabiex jindirizza l-vjolenza relatata max-xogħol? (MM252)
- F’dawn l-aħħar tliet snin, l-istabbiliment tiegħek ipprovda taħriġ lill-impjegati dwar l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali? (MM253.6)
- Tinforma lill-impjegati dwar ir-riskji psikosoċjali u l-effett tagħhom fuq is-saħħa u s-sigurtà? (MM259)
- Ġew informati dwar lil min għandhom ikellmu f’każ ta’ problemi psikosoċjali relatati max-xogħol? (MM260)
- Użajt xi informazzjoni jew appoġġ minn sorsi esterni dwar kif tindirizza r-riskji psikosoċjali fuq ix-xogħol? (MM302)

*Sors:* ESENER — *Fatturi assoċjati mal-ġestjoni effettiva tar-riskji psikosoċjali,* EU-OHSA (2012).

- Il-pajjiż u d-daqs tal-istabbiliment huma l-fatturi determinanti l-aktar b’saħħithom tal-ambitu tal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali. Is-settur tal-attività għandu effett sinifikanti iżda iżgħar.
- L-għadd ta’ realtajiet kulturali, ekonomiċi u regolatorji li nqabdu fl-istudju permezz tal-varjabbli “pajjiż”, huwa l-aktar fattur sinifikanti assoċjat mal-preżenza ta’ miżuri ta’ ġestjoni tar-riskji psikosoċjali (Figura 7).
- Stabbilimenti iżgħar jirrappurtaw ferm inqas miżuri ta’ ġestjoni tar-riskji psikosoċjali meta mqabbla ma’ stabbilimenti kbar (Figura 8).

**Figura 8:** Daqs tal-istabbiliment (numru ta’ impjegati) u l-punteġġ kompost tal-ġestjoni psikosoċjali




*Sors:* ESENER — *Fatturi assoċjati mal-ġestjoni effettiva tar-riskji psikosoċjali,* EU-OHSA (2012).

- Is-setturi jvarjaw b’mod sinifikanti fir-rigward tal-ambitu tal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali, bl-ogħla livelli jkunu rrappurtati aktar spiss mill-istabbilimenti fl-edukazzjoni, fis-saħħa u fil-ħidma soċjali meta mqabbla mal-industriji ta’ produzzjoni.
- Bħal fil-każ tal-ġestjoni tal-OHS inġenerali, varjabbli demografiċi oħrajn, bħall-kompożizzjoni tal-età jew il-bilanċ bejn is-sessi tal-ħaddiema, għandhom effett żgħir ħafna fuq il-livell ta’ ġestjoni tar-riskji psikosoċjali.
- L-aktar miżuri frekwenti użati għall-indirizzar tar-riskji psikosoċjali huma “l-assigurazzjoni li l-impjegati jafu lil min għandhom ikellmu dwar is-suġġett tar-riskji psikosoċjali” u l-“għoti ta’ taħriġ”. Miżuri oħrajn, bħall-użu ta’ psikologu u l-eżistenza ta’ proċeduri li jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali, jintużaw inqas.

- Inġenerali, il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fl-istabbilimenti Ewropej qiegħda aktar lura mill-ġestjoni ta' riskji ġenerali tal-OHS. L-istabbilimenti b'ġestjoni tajba tar-riskji ġenerali tal-OHS ukoll għandhom tendenza li jġestixxu r-riskji psikosoċjali b'mod aktar komprensiv.

**Implikazzjonijiet politiċi**

- Is-sejbiet jissuġġerixxu li r-riskji psikosoċjali għandhom it-tendenza li jkunu ġestiti permezz ta' approċċ koerenti, ibbażat fuq is-sistemi, bħall-ġestjoni tal-OHS, iżda li hemm ċerti miżuri ta' prevenzjoni li jintużaw rarament ħafna f'ċerti pajjiżi (bħall-użu ta' psikologu u l-adozzjoni ta' proċeduri li jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali). Għalkemm l-approċċ sistematiku tad-Direttiva Qafas lejn il-ġestjoni tar-riskji jidher li qed ifassal l-azzjoni fuq ir-riskji psikosoċjali b'mod effettiv, jeħtieġ li l-attenzjoni tiġi ffokata lejn l-iżgurar li l-istabbilimenti jimplimentaw firxa wiesgħa ta' azzjonijiet preventivi fil-pajjiżi kollha.

- Approċċ sistematiku lejn l-indirizzar tal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali huwa possibbli anki fost l-istabbilimenti ż-żgħar, iżda safejn dan jista' jseħħ ivarja b'mod sinifikanti fost il-pajjiżi. Dan jindika li l-fatturi ta' "kuntest" bħall-istil regolatorju, il-kultura organizzattiva u l-kapaċità organizzattiva għandhom rwol importanti u joffru mezz potenzjali li bih titjieb il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq ix-xogħol madwar l-Ewropa.

- Fost is-setturi tal-attività l-grad tal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali jikkorrispondi għal żoni ta' inċidenza għolja, kif indikat mir-riċerka eżistenti, ibbażata pereżempju fuq l-istħarriġ tal-ħaddiema. Il-livell baxx ta' miżuri f'setturi bħall-kostruzzjoni u l-manifattura meta mqabbla mal-edukazzjoni, is-saħħa u l-ħidma soċjali, jindika l-ħtieġa għal aktar użu konsistenti ta' miżuri ta' prevenzjoni fis-setturi kollha.

# Il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali — xprunaturi, ostakoli, ħtiġijiet u miżuri meħuda (9)

Il-proġett kellu l-għan li jidentifika l-ixprunaturi u l-ostakoli li jaffettwaw lill-impriżi Ewropej fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali, filwaqt li jiċċara l-ħtiġijiet eżistenti f'dan il-qasam. B'mod aktar speċifiku, l-għanijiet tiegħu kienu li:

- jidentifika l-ixprunaturi, l-ostakoli u l-ħtiġijiet relatati mal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali: l-implimentazzjoni ta' proċeduri għall-istress relatat max-xogħol, għall-bullying, fastidju, u l-vjolenza fuq ix-xogħol, kif ukoll it-teħid ta' miżuri *ad hoc* għall-indirizzar tar-riskji psikosoċjali;

- juża l-għarfien u l-informazzjoni xjentifika dwar l-ambjent regolatorju u kummerċjali sabiex jiġu spjegati l-"karatteristiċi tal-kuntest" li għandhom l-akbar influwenza fuq il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali tal-impriżi;

- jiddiskuti l-implikazzjonijiet politiċi, billi jidentifika l-ixprunaturi u l-ostakoli ewlenin li jistgħu jkunu indirizzati.

**Sejbiet ewlenin mill-analiżi letterarja**

- Sar progress konsiderevoli fl-UE fir-rikonoxximent tar-rilevanza tal-fatturi ta' riskji psikosoċjali inġenerali u tal-istress relatat max-xogħol, il-fastidju u l-vjolenza fuq ix-xogħol b'mod partikolari. Madankollu, u kif ġie nnutat hawn fuq (10), jidher li hemm diskrepanza bejn il-politika u l-prattika li tfixkel il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fil-livell tal-impriżi.

- It-traduzzjoni tal-politiki għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fi prattika effettiva teħtieġ kapaċitajiet, kemm fil-livell makro (nazzjonali/reġjonali) kif ukoll fil-livell tal-kumpanija. Dawn il-kapaċitajiet ivarjaw mill-għarfien u l-esperjenza ta' atturi ewlenin (il-maniġment, il-ħaddiema, dawk li jfasslu l-politiki), għall-eżistenza ta' informazzjoni rilevanti u affidabbli li tappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet u d-disponibbiltà ta' metodi u għodod effettivi u faċli għall-utent flimkien ma' strutturi ta' appoġġ (esperti, konsulenti, servizzi u istituzzjonijiet, riċerka u żvilupp).

- Fuq il-bażi tal-analiżi letterarja, ġie definit qafas konċettwali għall-istudju, li kien jinkludi l-ixprunaturi u l-ostakoli essenzjali li jaffettwaw lill-impriżi Ewropej fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali (Figura 9). Il-karatteristiċi organizzattivi li jistgħu jinfluwenzaw ir-relazzjoni bejn l-ixprunaturi/l-ostakoli u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali (id-daqs tal-istabbiliment, is-settur, l-impriża pubblika/privata u l-pajjiż), kienu wkoll inklużi fl-analiżi.

(9) Kuntrattur: Konsorzju mmexxi mill-Università ta' Nottingham, flimkien mal-Awtorità ta' Kumpens tal-Ħaddiema Taljani (INAIL), Xogħol u Impjieg tat-TNO, u l-Istitut Finlandiż tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (FIOH).

(10) Fatturi assoċjati ma' ġestjoni effettiva tar-riskji psikosoċjali.

**Figura 9:** Mudell konċettwali għall-ixprunaturi u l-ostakoli li jaffettwaw lill-impriżi Ewropej fir-rigward tar-riskji psikosoċjali




*Sors:* ESENER — *Il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali — xprunaturi, ħtiġijiet u miżuri meħuda,* EU-OHSA (2012).

**Sejbiet ewlenin mill-analiżi empirika**

- L-implimentazzjoni tal-prattiki tajba fil-ġestjoni tal-OHS, kif ukoll it-tħassib dwar l-istress, il-fastidju u l-vjolenza relatati max-xogħol, jidhru li huma assoċjati ferm mal-implimentazzjoni kemm tal-proċeduri kif ukoll ta' miżuri *ad hoc* li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, irrispettivament mid-daqs tal-impriża, is-settur jew il-pajjiż. Dawk l-impriżi li rrappurtaw livell ogħla ta' implimentazzjoni ta' prattiki ta' ġestjoni tal-OHS huma probabbilment aktar fiċ-ċans li jidħlu għal livelli ogħla ta' ġestjoni tar-riskji psikosoċjali.

- Barra minn hekk, it-talbiet tal-impjegati u l-assenteiżmu huma identifikati bħala l-ixprunaturi ewlenin, li jenfasizza l-importanza kemm tal-parteċipazzjoni tal-impjegati kif ukoll tal-każ ta' negozju għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali.

- F'dak li jirrigwarda l-fastidju, li jista' jitqies bħala kwistjoni aktar sensittiva, it-talbiet tal-impjegati huma xprunatur aktar dgħajjef mill-assenteiżmu u l-obbligi legali; filwaqt li għall-istress relatat max-xogħol dawn huma xprunatur aktar b'saħħtu. Għal miżuri *ad hoc*, il-każ tan-negozju jidher li għandu effett aktar qawwi, kif jintwera mill-importanza li tinżamm il-produttività, li jitnaqqas l-assenteiżmu u li jingħataw tweġibiet għat-talbiet tal-klijenti jew l-immaġni ta' min iħaddem.

**Figura 10:** L-impatt (proporzjon ta' probabbiltà) ta' diversi varjabbli ta' spjegazzjoni (xprunaturi) fuq il-proċeduri/miżuri ta' ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fl-impriżi Ewropej




*Sors:* ESENER — *Il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali — xprunaturi, ħtiġijiet u miżuri meħuda,* EU-OHSA (2012).

- Aktar ma tkun kbira l-impriża, akbar hija l-probabbiltà li tir-rapporta aktar xprunaturi. L-unika eċċezzjoni hija tnaqqis fil-produttività meta ż-żieda fid-daqs tal-impriża tnaqqas ir-rappurtar effettiv ta' dan l-ixprunatur speċifiku. Dan jista' jindika li l-każ tan-negozju huwa ta' importanza speċjali b'mod partikolari għall-istabbilimenti ż-żgħar.

- Skont is-settur tal-attività, il-livell ta' tħassib u l-livell ta' ġestjoni tar-riskji psikosoċjali huma t-tnejn ogħla fl-amministrazzjoni pubblika u s-saħħa u l-ħidma soċjali. Kif mistenni, l-impriżi privati jirrappurtaw aktar spiss it-tnaqqis fil-produttività bħala xprunatur mill-impriżi pubbliċi, li jindika li l-każ tan-negozju huwa pperċepit b'mod aktar qawwi fis-settur privat.

- Rigward l-**ostakoli** għall-ġestjoni tar-riskju psikosoċjali, in-nuqqas ta' appoġġ u gwida tekniċi jidher li huwa l-aktar importanti — segwit minn nuqqas ta' riżorsi — fir-rigward ta' proċeduri għall-istress, il-bullying jew il-fastidju u l-vjolenza relatati max-xogħol (Figura 11).

- Għalkemm l-istabbilimenti li jikkwotaw in-nuqqas ta' riżorsi bħala ostakolu aktarx li jkollhom inqas proċeduri fis-seħħ sabiex iġestixxu r-riskji psikosoċjali (stress, fastidju u vjolenza), aktarx li jkunu ħadu miżuri *ad hoc* sabiex jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali. Spjegazzjoni possibbli hija li għalkemm in-nuqqas ta' riżorsi jista' jaqta' qalb il-kumpaniji milli jadottaw approċċ sistematiku lejn il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali, madankollu xorta waħda jkollhom jieħdu miżuri *ad hoc* sabiex jindirizzaw il-problemi li jinqalgħu f'dan il-qasam. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' riżorsi jista' jsir evidenti biss ladarba tfeġġ il-ħtieġa li jittieħdu miżuri urġenti u jsir apprezzament tax-xogħol involut fl-implimentazzjoni tagħhom.

- Nuqqas ta' riżorsi, l-appoġġ u l-gwida tekniċi huma l-ostakoli rrappurtati l-aktar spiss mill-impriżi fis-settur pubbliku, filwaqt li n-nuqqas ta' għarfien huwa indikat spiss bħala ostakolu fost l-impriżi tas-settur privat. Żieda fid-daqs tal-impriża hija wkoll assoċjata ma' aktar rappurtar ta' ostakoli, bl-unika eċċezzjoni tkun in-nuqqas ta' riżorsi. Kif jista' jkun mistenni, in-nuqqas ta' riżorsi huwa l-aktar ostakolu komuni rrappurtat fost l-iżgħar klassi ta' impriżi (10–19 impjegati).

- L-impriżi li għandhom proċeduri jew miżuri fis-seħħ sabiex iġestixxu r-riskji psikosoċjali aktarx li aktar isemmu s-sensittività tas-suġġett bħala ostakolu, li jappoġġja l-opinjoni li ċerti ostakoli — għalkemm mhux neċessarjament jipprevjenu l-azzjoni — jassumu aktar importanza ladarba jkunu ttieħdu l-passi sabiex jiġu indirizzati r-riskji psikosoċjali.

**Figura 11:** L-impatt (proporzjon ta' probabbiltà) ta' diversi varjabbli ta' spjegazzjoni (ostakoli) fuq il-proċeduri/miżuri ta' ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fl-impriżi Ewropej




*Sors:* ESENER — *Il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali — xprunaturi, ħtiġijiet u miżuri meħuda,* EU-OHSA (2012).

**Implikazzjonijiet politiċi**

- Ir-rabta ċara bejn il-ġestjoni ġenerali tal-OHS u l-ġestjoni tar-riskju psikosoċjali tenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti politika u pjan ta' azzjoni dwar l-OHS, jew li tintuża sistema ta' ġestjoni tal-OHS, li tinkludi l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali bħala parti essenzjali minnha.
- Jeħtieġ li jiġu promossi inizjattivi li joffru appoġġ imtejjeb lill-impriżi sabiex jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali, li jiffokaw fuq gruppi differenti, bħal korpi settorjali, fornituri tas-servizzi tal-OHS u spetturi tax-xogħol. Dawn l-inizjattivi għandhom jenfasizzaw l-importanza ta' prattiki tajbin ta' ġestjoni tal-OHS, b'mod partikolari: iż-żieda tal-għarfien, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni li jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali u t-twettiq ta' valutazzjonijiet tar-riskji psikosoċjali.
- Sabiex id-ditti jkollhom appoġġ u gwida aqwa, għandha tiġi kkunsidrata l-influwenza potenzjali tal-ispetturi tax-xogħol (kif rikonoxxut f'kampanja tal-SLIC ([11])) u l-importanza li l-fornituri tas-servizz tal-OHS ikunu mħarrġa kif xieraq fil-prattiki ta' ġestjoni tar-riskji psikosoċjali.
- Għandu jitqajjem l-għarfien fost dawk li jħaddmu dwar il-kost-effettività tal-interventi ta' ġestjoni tar-riskji psikosoċjali u l-fatt li l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali hija possibbli minkejja s-sensittività tas-suġġett.
- Teħtieġ aktar riċerka sabiex tissaħħaħ l-evidenza tar-relazzjoni bejn ir-riskji psikosoċjali u l-prestazzjoni tal-kumpanija, inkluż it-tnaqqis tal-assenteiżmu.

# Il-metodoloġija u l-pubblikazzjonijiet tal-ESENER

- L-istħarriġ kien jinvolvi 28 649 intervista mal-maniġer tal-ogħla grad inkarigat mis-saħħa u s-sigurtà, u 7 226 intervista mar-rappreżentant tal-ħaddiema għas-saħħa u s-sigurtà ([12]). Il-popolazzjoni statistika hija kollha stabbilimenti b'10 impjegati jew aktar fil-31 pajjiż parteċipant, li jkopru s-setturi kollha tal-attività ekonomika minbarra l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd. L-unità statistika ta' analiżi hija l-istabbiliment.
- Il-31 pajjiż parteċipant jinkludu s-27 Stat Membru Ewropej kollha, kif ukoll żewġ pajjiżi kandidati (il-Kroazja u t-Turkija), u żewġ pajjiżi tal-EFTA (in-Norveġja u l-Isvizzera).
- Aktar informazzjoni hija disponibbli (www.esener.eu), inkluża traduzzjoni ta' dan is-sommarju f'25 lingwa.
- Il-verżjonijiet prinċipali jew nazzjonali tal-kwestjonarji huma disponibbli (http://osha.europa.eu/mt/riskobservatory/enterprise-survey/methodology-1).
- Rapport ġenerali deskrittiv huwa disponibbli (http://osha.europa.eu/en/publications/reports/esener1_osh_management).
- Is-sommarju huwa disponibbli bi 23 lingwa (http://osha.europa.eu/mt/publications/reports/mt_esener1-summary.pdf/view).
- Għodda tal-immappjar fuq il-web hija disponibbli (http://osha.europa.eu/sub/esener/mt/front-page/document_view?set_language=mt).
- Is-sett sħiħ ta' dejta tal-ESENER huwa aċċessibbli fuq l-Arkivji tad-Dejta tar-Renju Unit (UKDA) tal-Università ta' Essex (http://www.esds.ac.uk/findingData/snDescription.asp?sn=6446&key=esener). Biex taċċessa l-fajls tad-dejta, l-utenti huma l-ewwel meħtieġa li jirreġistraw mal-UKDA. L-informazzjoni dwar il-proċedura ta' reġistrazzjoni hija disponibbli (http://www.esds.ac.uk/aandp/access/access.asp). F'każ ta' diffikultà dwar ir-reġistrazzjoni jew l-aċċess għad-dejta, jekk jogħġbok ikkuntattja lil help@esds.ac.uk.

([11]) Il-Kampanja ta' Spezzjoni Ewropea dwar ir-Riskji Psikosoċjali 2012 tal-Kumitat tal-Ispetturi Għolja tax-Xogħol (www.av.se/SLIC2012).

([12]) Għas-27 Stat Membru tal-UE, dawn il-figuri huma 24 680 intervista mal-maniġers u 6 694 intervista mar-rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà.

# Dwar l-awturi

**RAND Europe**

RAND Europe hija organizzazzjoni indipendenti mingħajr skop ta' qligħ li twettaq riċerka u analiżi għat-tfassil ta' politiki u t-teħid ta' deċiżjonijiet. Twaqqfet fl-1992 bħala unità indipendenti tal-grupp ta' riflessjoni Amerikan RAND Corporation.

**L-Università ta' Cardiff — Iċ-Ċentru ta' Riċerka dwar l-Ambjent tax-Xogħol ta' Cardiff (Cardiff Work Environment Research Centre — CWERC) u l-Istitut ta' Galles tar-Riċerka, id-Dejta u l-Metodi Soċjali u Ekonomiċi (Wales Institute of Social & Economic Research, Data & Methods — WISERD)**

CWERC jagħmel riċerka dwar ir-relazzjoni bejn is-saħħa, is-sigurtà u l-benesseri fl-ambjent tax-xogħol. Huwa Ċentru ta' Riċerka Konġunta appoġġjat mill-Iskejjel tal-Psikoloġija u tax-Xjenzi Soċjali tal-Università ta' Cardiff.

WISERD huwa ffinanzjat b'mod konġunt mill-Gvern tal-Galles (HEFCW) u l-Kunsill ta' Riċerka Ekonomika u Soċjali tar-Renju Unit (UK Economic and Social Research Council — ESRC) sabiex jiġbor u jibni fuq l-esperjenza eżistenti dwar il-metodi u l-metodoloġiji ta' riċerka kwantitattivi u kwalitattivi fl-Universitajiet ta' Aberystwyth, Bangor, Cardiff, Glamorgan u Swansea.

**Konsorzju mmexxi mill-Istitut tax-Xogħol, is-Saħħa u l-Organizzazzjonijiet tal-Università ta' Nottingham (I-WHO).**

**Imsieħba: l-Awtorità tal-Kumpens tal-Ħaddiema Taljani (INAIL), Xogħol u Impjieg tat-TNO, u l-Istitut Finlandiż għas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (FIOH)**

**I-WHO** hija skola ta' riċerka għall-postgradwati fil-psikoloġija applikata fl-Università ta' Nottingham. Hija tiffoka fuq il-kontribut tal-psikoloġija applikata lejn is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dawk pubbliċi u lejn l-għoti ta' servizzi tas-saħħa relatati. L-istitut huwa Ċentru ta' Kollaborazzjoni tal-WHO dwar is-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol.

**INAIL** (**l-Awtorità ta' Kumpens tal-Ħaddiema Taljani)** taħdem, fost affarijiet oħrajn, għat-tnaqqis tal-inċidenti fuq il-post tax-xogħol, l-assigurazzjoni tal-ħaddiema u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol ta' vittmi ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol.

**Xogħol u Impjieg tat-TNO** huwa istitut għar-riċerka u l-konsultazzjoni teknoloġika u strateġika. Permezz tal-ipprattikar tal-għarfien xjentifiku t-TNO għandu l-għan li jottimizza l-abbiltajiet innovattivi tal-universitajiet u tal-gvernijiet. It-TNO huwa wkoll Ċentru ta' Kollaborazzjoni tal-WHO dwar is-Saħħa fuq ix-Xogħol.

**FIOH, l-Istitut Finlandiż għas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol**, huwa organizzazzjoni speċjalizzata ta' riċerka fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ir-riċerka tagħha hija disponibbli għall-postijiet tax-xogħol permezz tas-servizzi esperti u l-attivitajiet ta' taħriġ u tixrid tal-informazzjoni tagħha.

Sommarju editjat minn William Cockburn, Xabier Irastorza u Malgorzata Milczarek.

TE-AM-11-001-MT-C

**L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OHSA)** tikkontribwixxi sabiex tagħmel lill-Ewropa post aktar sigur, post li jġib 'il quddiem is-saħħa u post aktar produttiv fejn wieħed jaħdem. L-Aġenzija twettaq riċerki, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, bilanċjata u imparzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà u torganizza kampanji pan-Ewropej ta' trawwim tal-kuxjenza. Imwaqqfa mill-Unjoni Ewropea fl-1996 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija tlaqqa' rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Gvernijiet tal-Istati Membri u minn organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, kif ukoll esperti ewlenin f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE-27 u lil hinn minnhom.

**L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**
Gran Vía 33, 48009 Bilbao, SPANJA
Tel. +34 944794360
Faks +34 944794383
E-mail: information@osha.europa.eu

**http://osha.europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9191-721-1